C/2024/5868

27.9.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-23 ta' Settembru 2024

li taħtar membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)

(C/2024/5868)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 79 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 79 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jipprevedi li l-Kunsill jaħtar rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru bħala membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (il-"Bord ta' Tmexxija").

(2) Il-membri tal-Bord ta' Tmexxija jinħatru abbażi tal-esperjenza u l-kompetenza esperta rilevanti tagħhom fl-oqsma tas-sigurtà kimika jew ir-regolamentazzjoni ta' sustanzi kimiċi, u abbażi li fost il-membri tal-bord hemm disponibbli l-kompetenza esperta rilevanti fl-oqsma ta' affarijiet ġenerali, finanzjarji u legali.

(3) Il-mandat ta' membru tal-Bord ta' Tmexxija huwa ta' erba' snin u jista' jiġġedded darba.

(4) B'Deċiżjoni tat-30 ta' Settembru 2020 [2] il-Kunsill ħatar membru wieħed tal-Bord ta' Tmexxija.

(5) Dak il-membru tal-Bord ta' Tmexxija, innominat mill-Kroazja, inħatar għal perjodu li jintemm fl-1 ta' Ottubru 2024.

(6) Il-Gvern tal-Kroazja informa lill-Kunsill bl-intenzjoni tiegħu li jinnomina r-rappreżentant Kroat attwali fil-Bord ta' Tmexxija u ppreżenta nomina għat-tieni mandat għal perijodu li jintemm fit-30 ta' Settembru 2028,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sa Dubravka Marija KREKOVIĆ, ta' nazzjonalità Kroata, hija b'dan maħtura bħala membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) għat-tieni mandat għall-perijodu mill-1 ta' Ottubru 2024 sat-30 ta' Settembru 2028.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

FELDMAN Z.

[1] ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Settembru 2020 li taħtar membru wieħed tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ĠU C 330, 6.10.2020, p. 2).